Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Mag Juris (Eur Law)

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Angelo Caruana)

vs

Joseph Mary Debono

Illum 12 ta' Marzu, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Mary Debono, iben Carmelo u Dolores nee' Fava, imwieled Qormi fid-29 ta' Awissu, 1960, u detentur ta' karta tal-identita Nru 592260(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar xhur b'diversi

atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda cioe talli :

F'Rahal Gdid, fil-lejl tat-28 ta' Frar, 1999, minn Triq Ninu Cremona, ikkommetta serq ta' Skip ta' kulur griz u maroon, ghad-detriment ta' Richard Darmanin miz-Zejtun, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u l-hin;

Talli f'Rahal Gdid fil-lejl tat-8 ta' Marzu 1999, minn Triq l-Isqof Buhagiar, ikkommetta serq ta' Skip ta' kulur Griz u Maroon, ghad-detriment ta' Richard Darmanin miz-Zejtun, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u l-hin;

Talli fis-7 ta' Ottubru, 1999 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi kollha li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dan waqt is-seduta tal-21 ta' Frar, 2002;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputat fuq imsemmi fil-21 ta' Frar, 2002, issib lill-imputat fuq imsemmi **hati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, b'dan illi t-tielet imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, ma tirrizultax ippruvata, peress illi una volta jirrizulta ir-reat ta' serq ma jistax jissussisti wkoll ir-reat ta' ricettazzjoni, u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 261(b), 261(f), 267, 270, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat fuq imsemmi irregistra ammissjoni, l-fatt illi ghandu fedina penali netta u l-fatt illi huwa flimkien ma martu iffirma kuntratt fejn iddikjara ruhu cert, veru u likwidu debitur a

favur tal-kumpannija Clean Away Services Limited u insegwitu xehed Richard Darmanin fis-sens illi illum il-gurnata una volta illi gie iffirmat dan il-ftehim huwa ma ghandu l-ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat odjern.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u illi ikun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali illi l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jaqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti filwaqt illi tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi **hati** tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, wara li rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Finalment il-Qorti **tillibera** lill-imputat mit-tielet imputazzjoni peress illi din ma gietx ippruvata.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur